MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 1707/2010

**Rose Emanuela Xuereb**

**vs**

**Caroline Medati**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lill-attrici s-somma ta’ mitejn ewro (€200) bilanc ta’ somma akbar u dana ghal xoghol ta’ xaghar fuq ordni u struzzjonijiet tal-konvenuta. Il-konvenuta giet mitluba thallas diversi drabi wkoll b’ittra legali izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Bl- imghax  u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi l-ammont mitlub mhux dovut stante li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt peress illi x-xaghar li tqieghed fuq il-konvenuta ma kienx tal-kwalita' pattwita mal-attrici, u minflok xaghar ta' veru, tqieghed xaghar falz li kellu jitnehha gimghatejn biss wara li tqieghed.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

Semgha x-xhieda mressqa mill-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici, li tezercita s-sengha ta' *hairdresser* qed titlob hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta' mitejn ewro (€200), liema ammont jirraprezenta l-prezz, jew bilanc minn prezz akbar, ghal *hair extensions* li l-istess attrici wahhlet f'xaghar il-konvenuta. Illi l-konvenuta ddikjarat illi ma kienitx disposta li thallas ghal dawn l-extensions ghaliex kuntrarjament ghal dak li qaltlilha l-attrici, x-xaghar li wahhlitilha ma kienx xaghar reali izda xaghar falz, jew ahjar, sintetiku. Illi hi waslet ghal din il-konkluzjoni in bazi tal-fatt illi l-attrici avzatha sabiex ma xxarrabx xaghra jekk tmur tghum u sabiex ma tizbghux. Gara wkoll illi ftit taz-zmien wara li twahhal dan ix-xaghar, beda jaqa' hafna minnu, flimkien max-xaghar naturali tal-istess konvenuta, tant illi l-istess konvenuta giet kostretta li taqta' xaghraha qasir minhabba li xagharha kien iddghajjef b'dawn l-*extensions*.  Illi skond il-konvenuta, dawn l-*extensions* nehhithomlha minn ma' xaghra *hairdresser* ohra, u mhux l-attrici, u giet kostretta li tghamel hafna spejjez minhabba trattamenti li kienet tehtieg sabiex terga' issahhah xaghra wara li nehhiet l-*extensions*. Qalet ukoll illi din ma kienitx l-ewwel darba li ghamlet il-*hair extensions*.

Illi l-attrici, da parti taghha, tiddikjara illi hi wahhlet dawn il-*hair extensons* f'xaghar il-konvenuta wara li saret konsulta, l-attrici gharrfet lill-konvenuta dwar il-prezz, u din tal-ahhar accettat.  Illi skond l-attrici, dawn il-*hair*

*extensions* wahhlithom f'Gunju 2010, u meta l-konvenuta kienet lesta, avzat lill-attrici li ma setghetx thallasha ghaliex kienet ghadha qed tistenna li tircievi c-cheque tal-ghajnuna socjali. Illi l-attrici, ghalhekk talbet lill-konvenuta d-dettalji taghha, u din tghathomlha. Meta l-konvenuta baqghet ma marritx sabiex thallas lill-attrici, din tal-ahhar marret l-Ghassa tal-Pulizija sabiex tirraporta dwar dak li kien gara, u hemmhekk saret taf li l-informazzjoni li kienet inghatat mill-konvenuta, f'dak li jirrigwarda l-indirizz tal-istess konvenuta u n-numru tal-karta tal-identita' taghha, kienu zbaljati, jew ahjar foloz. Illi sussegwentement, f'Awissu tal-istess sena, l-istess konvenuta marret fis-*salon* tal-attrici, tilmenta maghha illi l-*extensions* kienu tghaqdu, u li ghalhekk ma kienitx disposta li thallas ghalihom. Illi l-attrici ssuggeriet illi tahslilha xaghra, izda l-konvenuta ma accettatax. Illi l-*extensions*, jew parti minnhom, l-attrici rritornathom lill-agent, sabiex ikun jista' jsir stharrig dwar x'seta' wassal sabiex dawn tghaqdu. Illi eventwalment dawn gew ritornati lill-attrici, flimkien ma' dikjarazzjoni bil-miktub minghand l-agent, illi wara li dawn l-*extensions* gew mahsula, dawn irritornaw lura ghal-istat originali taghhom, u li ghalhekk ma kien fihom ebda problema. Illi dawn il-*hair extensions* imbaghad baqghu fil-pussess tal-attrici, ghaliex il-konvenuta ma marritx lura ghalihom.

Illi l-agent distributur ta' dawn il-*hair extensions* fis-*salons* f'Malta ddikjara illi l-attrici gharrfithom illi kellha klijenta li kienet ilmentat dwar problema li rrizultat f'*extensions* li kienet wahhlet. Illi l-agent inghata parti mill-*curtain* ta' xaghar li kienu twahhlu f'ras il-klijenta, u li imbaghad tnehhew minhabba li dawn tghaqdu, u bghathom il-laboratorju tal-fornituri taghhom, barra minn Malta, sabiex isiru verifiki dwar x'wassal biex dan ix-xaghar ghaqad. Illi minn informazzjoni li nghata minghand il-fornitur, ma kien hemm ebda problema dwar dawn l-*extensions*, u li wara li dawn inhaslu u gew trattati b'shampoo u conditioner, huma gew lura ghall-istat originali taghhom u ma kien fihom ebda problema. Dan stqarr illi ma kienx prezenti meta dawn il-*hair extensions* tnehhew minn ras il-klijenta, u lanqas li kkomunika direttament mal-konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi f'din il-kawza, il-konvenuta mhux qed tikkontesta li l-attrici wahhlet f'xaghraha l-*hair extensions* in kwistjoni, u lanqas m'hi qedha tikkontesta illi dawn ma hallsitx ghalihom; anzi tikkontendi illi m'ghandhix thallas ghalihom ghaliex ma kienux tal-kwalita' pattwita, in kwantu kien xaghar sintetiku u mhux xaghar reali. Illi jirrizulta wkoll illi dawn eventwalment tnehhew minn xaghar il-konvenuta, izda filwaqt illi l-konvenuta tiddikjara illi kienet *hairdresser* ohra li nehhithomlha, l-attrici tiddikjara li kienet hi stess li nehhithom minn xaghar il-konvenuta meta din, madwar xahrejn wara li twahhlu, marret fis-*salon* tal-attrici sabiex tilmenta maghha illi x-xaghar kien tghaqqdilha. Illi jidher illi kien f'din l-okkazjoni illi l-attrici nehhiet dawn l-*extensions* minn ma' xaghar il-konvenuta, u dan bil-ghan illi l-agent jibghathom lill-fornitur tieghu barra minn Malta sabiex jistharrgu x'seta' ikkawza li x-xaghar kien tghaqqad b'dan il-mod.

Illi ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk l-oggett li jkun gie ikkonsenjat mhux tal-kwalita' pattwita, ix-xerrej, f'dan il-kaz il-konvenuta, kellha d-dritt li trodd l-oggett lura u titlob hlas tad-danni sofferti, jew izzomm l-oggett u titlob riduzzjoni fil-prezz. Illi fil-kaz odjern, il-konvenuta ghazlet li trodd lura l-oggett, izda minghajr qatt ma kienet hallset ghal dawn l-*extensions*, u ghalhekk ma setghetx titlob refuzjoni tal-prezz, u ghalkemm allegat li nkorriet diversi spejjez sabiex irrimedjat il-hsara li giet ikkawzata f'xaghraha b'dawn l-*extensions*, naqset milli tressaq talba ghall-hlas ta' danni, oltre li naqset milli tissostanzja tali allegazzjoni. Illi lanqas ma gie kontradett u kkontestat mill-konvenuta illi hi reghhet marret lura ghand l-attrici tilmenta dwar il-kwalita' tal-*extensions* madwar xahrejn wara li dawn kienu twahhlu.

Illi l-konvenuta tikkontendi illi l-*hair extensions* in kwistjoni ma kienux maghmula minn xaghar naturali u reali, u li ghalhekk necessarjament isegwi illi dawn kienu maghmula minn xi materjal sintetiku; madanakollu, fl-ebda waqt tul dawn il-proceduri l-konvenuta ma ssostanzjat din

l-allegazzjoni. Iddikjarat biss illi din ma kienitx l-ewwel darba li ghamlet *hair extensions*, u jidher li waslet ghall-konkluzjoni li dan ma kienx xaghar naturali ghaliex l-attrici wissietha sabiex ma xxarabx xaghraha jekk tmur tghum, u sabiex ma tizbghux. Mill-kumplament, ma ressqet ebda prova sabiex tissostanzja din l-allegazzjoni.

Illi min-naha l-ohra, l-attrici tiddikjara illi meta l-konvenuta avvicinataha sabiex tilmenta maghha dwar l-istat tal-*hair extensions*, ghaliex kienu tghaqqdulha, din offritilha li tahslilha xaghraha sabiex tara tistax tirrimedja s-sitwazzjoni, izda tghid li l-konvenuta ma accettatax din il-proposta. Illi in segwitu ghal stharrig li sar mill-agent u l-fornitur ta' dan il-prodott, wara li dawn l-*extensions*, jew xi parti minnhom intbaghtu lura lill-fornitur barra minn Malta, jidher li rrizulta li kull ma kien mehtieg huwa li dawn l-*extensions* jigu trattati b'shampoo u conditioner. Illi ghalkemm dawn l-*extensions* jidher li imbaghad baqghu fil-pussess tal-attrici, ghaliex il-konvenuta ma marritx lura ghalihom, madanakollu, dawn damu fil-pussess tal-konvenuta ghal diversi gimghat jew ftit xhur. Ghalkemm mill-atti ma jirrizultax kemm huma generalment meqjusa li jservu dawn it-tip ta' *hair extensions*, madanakollu, wiehed jista' serenament jasal ghall-konkluzjoni illi dawn ikunu jridu jinbidlu wara xi zmien, u dan anke in bazi ghal dak li ddikjarat l-istess konvenuta illi din ma kienitx l-ewwel, jew l-ahhar, darba li ghamlet *hair extensions*. Illi fi kwalunkwe kaz, jidher illi dawn l-*extensions* setghu liberament jergghu jitwahhlu f'xaghar il-konvenuta, kemm-il darba hi ghazlet li tmur lura ghand l-attrici sabiex tinghata risposta dwar jekk is-suspetti taghha kienux fondati, o meno.

Illi t-Tribunal wisq jissuspetta illi l-konvenuta kienet qedha tahrab l-obbligu taghha li twettaq il-hlas ghal dawn il-*hair extensions*, u kien ghalhekk li imbaghad ma reghhetx marret lura ghand l-attrici ghalihom; in bazi ghal dan il-fatt, abbinat mal-fatt illi l-konvenuta ma pprovat u ssostanzjat bl-ebda mod l-allegazzjoni li ressqet permezz tar-risposta taghha illi x-xaghar ma kienx tal-kwalita' pattwita, ghaliex ma kienx xaghar "*ta' veru*", izda xaghar "*falz*", it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad din l-eccezzjoni tal-konvenuta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, jilqa' t-talba tal-attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' mitejn ewro (€200.00), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------